# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru ħamsa u erbgħin (45) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM), li nżammet nhar is-16 ta' Marzu 2010 fis-7:00pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Din is-seduta bdiet nofs siegħa aktar tard mil-ħin imħabbar fl-aġenda għaliex fis-6:30pm infetħu l-offerti tal-pannelli fotovoltaiċi. Minkejja li l-offerta nxtrat minn diversi kuntratturi, kienu biss dawk ta' Clinton Zammit u *Alberta Fire & Security* li tefgħuha fil-kaxxa.

2. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-sindku li qal it-talba.

3. Il-minuti kienu meħuda bħala moqrija, saru l-korrezzjonijiet u ż-żidiet li ssuġġerew il-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

4. Nicholas Briffa wera l-preokkupazzjoni tiegħu għall-fatt li l-KLM qed japplika għal diversi għajnuniet permezz ta' skemi mal-gvern ċentrali u li għalihom qed iħallas għalihom minn fondi mogħtija fl-allokazzjoni normali. Hu elenka sitta minnhom u qal li dawk jistgħu inaqqru minn dak li jkun qed ifaddal il-KLM għall-kisi tat-toroq.

5. Issemmiet ukoll l-kontabilità tal-kuntrattur li se jasfalta t-toroq. Infatti l-viċi sindku qal illi l-kuntratt li rebħet din il-kumpanija biex isir wiċċ ġdid fi Triq Valletta, Żurrieq, mhux se jgħin wisq biex l-istess kuntrattur jilħaq mat-*time frames* tagħna u t-toroq ikunu asfaltati fil-ħin. Noel Galea qal li huwa kien se jiltaqa' mal-kuntrattur ftit tal-ħin qabel din is-seduta u dan ċempillu u qallu li ma setax jattendi. Żied li l-kuntratt li ser iressaq quddiem il-kuntrattur, fih l-obbligi li jixtieq josserva għax marbutin mal-ħlas.

6. Dwar il-*crusher* fi Triq tas-Sejba, Charles Farrugia qal illi dan qiegħed f'żona li tippermetti dan it-tip ta' xogħol ta' kostruzzjoni, iżda hu jemmen li għandu jkun hemm *assessments* tal-operat. Preżentement dan jinsab wieqaf u qed jistenna l-permess tal-*MEPA*. Noel Galea u Charles Farrugia sostnew illi m'hemmx bżonn li nżidu l-oġġezzjoni tagħna għaliex fil-fatt diġà għamilha l-pubbliku fejn fil-fatt huma infurmati li diġà kien hemm spezzjoni minn uffiċjali tal-*MEPA*. Is-sindku qal illi xorta waħda se jgħajtulna l-*MEPA* meta jkun se jinstema' l-każ. Grace Marie Mallia qalet illi għada pitgħada, r-residenti jistgħu jduru fuqna u jgħidulna li m'għamilna xejn biex inħarsu d-drittijiet tagħhom fil-qasam ambjentali. Is-sindku qal li l-aħjar mezz li niddiskutu huwa meta jasal quddiemna l-*EIA (Environmental Impact Assessment)* għax dak huwa iktar b'saħħtu.

7. Il-propost *coffee morning* li hu skedat għall-24 ta' Marzu 2010, qed naħdmu fuq l-organizzazzjoni tiegħu u se joħorġu l-avviżi ħalli min ikun irid jinkiteb, ikun jista' jagħmel dan.

8. Kien hemm proposta biex il-KLM jippersisti mal-awtoritajiet sabiex l-iSqaq tan-Nar li jinsab fil-konfini tas-Siġġiewi, jiġi fil-konfini tagħna. Dan minħabba l-manutenzjoni tiegħu li qed tkun traskurata mill-Kunsill Lokali Siġġiewi.

9. Dwar il-kuntratti ffirmati mal-*Greenpak* u l-*WasteServ Malta Ltd*, biex nimmassimizzaw ir-riżors tal-iskart separat u fl-istess ħin inħeġġu aktar nies jibdew jisseparaw, qed naħdmu fuq il-*PR*. Infatti

illum is-Sur Daniel Tabone ta' *Greenpak* ġie jitkellem mal-Kap tal-Iskola biex ninvolvu aktar lill-ġenituri tat-tfal żgħar jisseparaw l-iskart, forsi wkoll bis-saħħa ta' wliedhom. Dan għaliex il-KLM qed jipproponi li jpoġġi kontenituri tas-separazzjoni fl-inħawi tal-iskola. Sadanittant, il-Kumitat tal-Futbol ma jridux dawn l-istess kontenituri viċin il-każin tagħhom u għalhekk il-KLM se jpoġġihom quddiem il-*BOV* fi Triq Annetto Caruana biswit l-arblu li ġej f'nofs it-triq (li għad trid tiġi kostruwita – issa mill-KLM). Noel Galea fakkar fil-*launch* ta' din l-inizjattiva li se sseħħ nhar it-30 ta' Marzu 2010 fl-Isptar il-Qadim, fejn se jonorana bil-preżenza tiegħu is-Segretarju Parlamentari, l-Onor Chris Said.

10. Il-librara l-ġdida Ms Nathalie Azzopardi qed tagħmel it-taħriġ neċessarju biex tkun tista' taqdi dmirijietha b'mod tajjeb. Qed nantiċipaw illi din tibda nhar it-23 ta' Marzu 2010, ħalli nerġgħu nifτħu l-librerija pubblika tal-Imqabba.

11. Il-propost pedestal twaħħal fejn il-*Youth Centre*, fi Triq San Bażilju, mill-Kumpanija *Melita plc*. Dan tpoġġa fejn il-KLM kien indikalhom wara li oriġinalment dawn riedu jpoġġuh dahar mal-faċċata tal-Kappella ta' Santa Katerina – sit protett mill-*MEPA* għall-importanza tiegħu.

12. L-applikazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għal Lokalitajiet Sostenibbli, li mlejna biex nipprovdu għall-pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-iskola, kienet imwassla fil-ħin lid-dipartiment. Nittamaw illi din tintlaqa' tajjeb ħalli minbarra li niffrankaw mill-enerġija li taħli l-iskola, fl-istess ħin inkunu qed nedukaw ukoll lit-tfal.

13. It-*Transport Malta (TM)* oġġezzjonat għall-proposta tal-KLM illi jitpoġġew *road humps* fi Triq tas-Sejba. Dan għaliex hija qed tgħid li din hija triq wiesgħa ħafna. Is-sindku qara din l-ittra waqt il-laqgħa għas-sodisfazzjon ta' kulħadd, peress li l-KLM għadu jibża s'issa mis-sewqan żejjed li qed ikun hemm saħansitra b'vetturi tqal fuq ir-riħ tal-barrieri.

14. Noel Galea qal li l-*yellow lines* fi Triq il-Fjuri issa tpoġġew fejn suppost. Dan wara diversi oġġezzjonijiet u protesti kbar fl-uffiċċju, minn numru ta' residenti, ġurnata minnhom meta kien ukoll inzerta preżenti l-awditur David Sammut fejn daħlu jiġġieldu mas-segretarju eżekuttiv fl-istess kamra li kien qed isir l-*audit*.

15. Minkejja li ma kellniex ċans nitkellmu ma' *Heritage Malta* biex possibilment nieħdu l-imfietaħ tal-Katakombi tal-Mentna f'idejna, dawn l-istess katakombi infetħu bi ħlas fiż-żjara li saret mill-*Catenians*, taħt id-direzzjoni tas-Sur Mousù nhar il-15 ta' Marzu 2010. Wara li dawn daru r-raħal kollu, biex jaraw il-fdalijiet storiċi li għandna fl-Imqabba, huma temmew iż-żjara tagħhom fl-Isptar il-Qadim fejn kellhom waqfa għall-kafè.

16. Dwar il-proposta tas-sindku biex Triq San Bażilju ssir *one way*, se ninfurmaw lir-residenti, bil-kunsiderazzjoni tal-kunsill f'dan l-aspett. B'din l-ittra ser nistienuhom jattendu għal laqgħa fejn ser nispjegaw dan kollu u nisimgħu minn għandhom ukoll.

17. Għaż-żjara tal-Papa f'Malta, propju fil-ġurnata u l-ħin li dan se jiltaqa' maż-żgħażagħ, is-sindku stieden kemm lil Paul Spiteri kif ukoll lil Grace Marie Mallia biex jirrappreżentaw lill-KLM. Dawn għad iridu jagħtuna risposta ħalli ninfurmaw lill-awtoritajiet.

18. Is-sindku ppropona li nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2010, il-KLM jiltaqa' mal-għaqdiet tar-raħal biex jikkunsidra li jimla applikazzjoni waħda konġunta ħalli fuq il-bejt tal-propjetà ta' dawn l-għaqdiet, jiġu nstallati pannelli fotovoltaiċi. Hu qal li għal din il-laqgħa diġà ftiehem mal-Inġinier biex jiġi fis-6:00pm ħalli fl-istess ħin jagħti parir lill-KLM dwar it-*tender* tiegħu imsemmija fil-bidu ta' din il-laqgħa. Dan ser jgħin fit-teknika t'aġġudikar peress li ħadd mill-kunsillieri m'huwa espert f'dawn is-sistemi.

19. Dwar l-iSkema Sportiva, is-sindku qal li se jmur nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010 jiġbor l-għotja li se jagħtuna biex inkunu nistgħu nibdew bit-taħriġ. Dan hu ttamat li jsir fil-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Mqabba wara l-ħin tal-lezzjonijiet.

20. Il-KLM filwaqt li qabel illi jirrepeti l-korsijiet tal-kompjuter li se jkunu organizzati matul is-sajf li ġej mis-Sur Keith Aquilina, ma kienx hemm *consensus* bejn il-kunsillieri preżenti u għalhekk m'approvawx it-taħriġ għall-kunsillieri u l-istaff kif propost f'laqgħa li saret is-Sibt filgħodu u li għaliha attenda s-segretarju eżekuttiv mill-Kumpanija *TCTC*. Intant is-segretarju eżekuttiv qal illi din il-kumpanija hija approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Hija x-xewqa tas-segretarju eżekuttiv illi jekk jingħata ċ-ċans jingħaqad ma' kunsill ieħor biex dan it-taħriġ joqgħod għalih minħabba li se jgħinu fil-qadi ta' dmirijietu.

21. Dwar il-Ġnien Tfal ir-Raħal issemmew tliet punti. Id-devoluzzjoni tiegħu lill-kunsill, il-manutenzjoni speċjalment fis-sistema tad-dwal u kif dan l-inkonvenjent qed iħeġġeġ aktar abbużi li l-kunsillieri semmew li kien hemm fil-parti tal-qatgħa tas-siġar taż-żebbuġ. Hawn intqal li kellha tindaħal il-pulizija minkejja li ma nafux eżattament jekk il-kaġun kienx is-serq ta' *mobile phone* jew xi ħaġa oħra aktar serja.

22. Dwar il-ftehim li seħħ waqt il-laqgħa li kellhom is-sindku u s-segretarju eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-proposti mejnijiet ġodda tal-ilma f'diversi toroq li se jinksew bit-tarmak, il-KLM se jkollu f'idjeh il-parametri (*specifications*) ta' kif ikunu obbligati jaħdmu l-kuntratturi għall-istess korporazzjoni. Dawn huma tassattivi u f'każ li l-kuntrattur ma jimxix magħhom, ikun hemm diffikultà fil-ħlasijiet, minn naħa tal-korporazzjoni.

23. Is-sindku qal li x-xogħol fi Triq Valletta, Żurrieq miexi ġmielu. Dan qed jaffettwana minħabba ż-żieda ta' xufiera li jgħixu fil-lokalità taż-Żurrieq li qed jgħaddu mit-toroq arterji tagħna u rrendewhom aktar użati minn qatt qabel. Barra minn hekk is-sindku rrapporta li fi Triq l-Industrija, Kirkop, il-*junction* kellha tinqala' inkluż il-maqrut li fih kellna x-xtieli fih sinjali tat-traffiku u l-'Merħba' *Sign*.

24. Minħabba li s-sit elettroniku tal-kunsill kien ġie *hacked*; il-kunsill deherlu li sit uffiċjali tal-gvern *www.lc.gov.mt* mhux adekwat u jinħtieġ li terġa' tinbena id-*www.mqabba.gov.mt*. Dan wara l-parir li tawna l-kumpanija *Abakus Solutions*. Peress li l-istima hija akbar mit-*threshold* tad-*direct order*, il-KLM ikollu joħroġ avviż fil-ġurnali għal sejħa għal kwotazzjonijiet.

25. Nicholas Briffa ppropona li l-KLM għandu jipprova jitlob *sponsor* mingħand il-*Bank of Valletta* biex filwaqt li jkunu qed jagħmlu reklam, is-sit elettroniku ma jkunx daqshekk ta' piż fuq il-KLM. Is-segretarju eżekuttiv qal illi f'każ li nintroduċu dan fis-sit, ikun hemm bżonn li tgħaddi *bye-law* ħalli nkunu konformi mal-liġi.

26. Is-sindku ppropona laqgħa mal-każini tal-banda. Din id-darba speċifikament dwar id-daqq b'banda konġunta f'Jum l-Imqabba 2010. Huwa qal li din se ssir nhar id-19 ta' April 2010 fis-7:00pm u se jkunu mistiedna għaliha rapprezentanti mill-kumitat tal-banda, rappreżentant mill-kumitat ċentrali u s-surmast tal-banda.

27. Il-KLM iddeċieda illi jorganizza ħarġa għal Ġurnata f'Għawdex nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2010. Din se tkun organizzata mal-*Garden of Eden* u r-ristorant se jkun is-*Seashells*. L-iskrivani tal-kunsill se jkunu avżati minn daqstant qabel ħalli kollox ikun organizzat.

28. Huwa antiċipat li nhar is-Sibt, 24 ta' April 2010, se jkun iffirmat ftehim ta' ħbiberija mal-Kunsill taż-Żebbuġ, Għawdex. Id-diskussjonijiet f'dan l-aspett ilhom sena li nbdew, u issa ħdimna ma' xulxin ukoll. Jidher ukoll li dak in-nhar se titla' l-Għaqda tan-Nar tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju biex ikun ikkunsmat xi nar tal-art f'Għawdex ukoll. Din is-soċjetà ittellgħet bix-xorti mis-sindku, f'laqgħa li seħħet fl-uffiċċju tiegħu, u bħala xhieda kien hemm Claudio Briffa u Michael Ghigo, kif ukoll Valerie Galea. Dawn se jixtru b'kemm jiswew €1,000 nar tal-art. Nicholas Briffa qal li issa huwa importanti li din tkun ukoll reċiprokata s-sena d-dieħla meta jkun imisshom is-Soċjetà Santa Marija. Is-sindku qal li aċċetta li jsir hekk wara li kellu l-kelma tas-sindku taż-Żebbuġ u tkellem mas-segretarju taż-żewġ każini qabel tellgħu bix-xorti min minnhom ser jieħu l-ordni tax-xogħol tan-nar.

29. Nhar l-24 ta' Marzu 2010, minbarra l-*coffee morning* tal-KLM hemm żewġ laqgħat oħra importanti. Waħda minnhom tas-segretarji eżekuttivi li se jlaqqagħhom is-segretarju parlamentari fl-Università l-Qadima, l-Belt, u oħra li qed tkun organizzata mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi dwar il-pannelli fotovoltaiċi. Għal din tal-aħħar se jattendi fil-*Palace Hotel*, Nicholas Briffa u Noel Galea se jattendi aktar tard, filwaqt illi s-segretarju eżekuttiv se jmur f'dik imsejħa apposta għas-segretarji eżekuttivi.

30. Is-sindku irrefera għall-ittra datata 6 ta' Marzu 2010 li ntbgħatet mis-Soċjetà Santa Marija dwar l-anniversarju li qiegħdin jiċċelebraw din is-sena. Is-sindku diġà informa lis-segretarju tal-każin li l-kunsill ma jista' jagħti l-ebda għajnuna fi flus u lanqas *in-kind* għaliex din tmur kontra l-liġi tal-istess kunsilli lokali.

31. Noel Galea qal li issa t-tabelli fi Triq San Mikiel biex ix-xufiera ma jipparkjawx il-vetturi aktar f'nofs it-triq u jimblukkawha, ġew approvati minn *Transport Malta*. Dawn is-sinjali se jsiru jekk mhux diġà qiegħdin hemm jew inkella mwaħħla fil-post il-ħażin.

32. Kien diskuss il-komunikat li rċevejna minn *Transport Malta* dwar it-titjib fil-*junction* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hawn is-segretarju eżekuttiv qal li l-ewwel diżinn kien sar aktar minn għaxar snin ilu mill-Perit Audrey Testaferrata meta kienet *junior architect* mar-*Roads Department* iżda r-*Roads Department* dak iż-żmien xorta ma kienu għamlu xejn f'din il-*junction* daqshekk perikoluża ma' Triq Karmenu Ciantar, fi triq arterja. Madankollu l-proposta tal-Perit Lara Demicoli ingħoġob mill-kunsillieri u l-kunsill mhux se jkollu oġġezzjoni għal dan it-titjib li jista' jsalva l-ħajja tan-nies billi fost l-oħrajn jikkreja *lay bye* permezz ta' marki tat-traffiku. Dan għaliex wieħed ikun irid jagħmel *right turn* biex jidħol fil-qalba tar-raħal u għalhekk jaqsam minn fuq il-karreġġjata tal-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni opposta.

33. Dwar l-arluġġar M'Anġ Sapiano is-sindku ppropona li wkoll nagħmlulu wkoll deskrizzjoni tas-sengħa tiegħu fuq pjanċa tal-*istainless steel*, li faċilment tista' titwaħħal mal-monument.

34. Kien deċiż illi l-KLM joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jinxtara apparat ta' *CCTV* għall-uffiċċju tal-*customer care* li se jkun isfel u fih se jkun hemm biss Valerie Galea. Dan ix-xogħol fuq ir-*reception* peress li ma kienx maħsub minn qabel jista' jikkreja *wires* oħrajn apposta li għalihom iridu jerġgħu jinfetħu xi fili fil-ħitan jekk il-*wire* mhux se jkun mgħoddi minn mal-faċċata.

35. Nicholas Briffa semma t-tabella li kienet twaħħlet ħażin fi Triq tas-Sejba li turi lix-xufiera t-triq lejn id-daħla tal-barriera tal-*Bully*. Din it-tabella kienet twaħħlet mas-*sub station* minn ħaddiema tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi kif appena il-gvern ċentrali kien asfalta t-triq.

36. Kienet approvata l-*Payment Approval Sheets* numri 371.

37. Il-laqgħa spiċċat fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*/03 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |